**7 ta' Marzu**

**Tifkira ta'**

S. PERPETWA U S. FELIĊITA, MARTRI

Ħadu l-martirju fil-persekuzzjoni ta' Settimju Severu fis-sena 203. Tħalla r-rakkont bl-irqaqat kollha sal-mewt tagħhom, miktub biċċa mill-insara li għaddew mill-istess persekuzzjoni, u biċċa minn awtur ieħor ta' dak iż-żmien.

Mill-Komun tal-martri...

Talba

O Alla, il-qaddisin martri Perpetwa u Feliċita, imqanqlin mill-imħabba li biha ħabbewk, xejn ma qiesu lil min ħaqarhom, u ħarġu rebbieħa fuq it-tbatija tal-mewt; agħtina, li, bit-talb tagħhom, nikbru dejjem iżjed fl-imħabba tiegħek. B'Ibnek.